GĦAL AKTAR INFORMAZZJONI ARA

**gmsmalta.com**

GERIATRIC MEDICINE SOCIETY OF MALTA
Promoting excellence in the care of older adults

## Għalfejn l-Advance Care Plan M'HIJIEX xi forma ta' euthanasia?

Euthanasia hija l-qtil jew it-terminazzjoni tal-ħajja f'pazjenti li jsofru minn mard inkurabbli, jew fejn l-uġiegħ ikun insupportabbli, jew f'koma irreversibbli.
Taħt il-Liġi Maltija, l-euthanasia hija illegali u għaldaqstant ma tistax tiġi ipprattikata Malta.

Min-naħa l-oħra, Advance Care Plan hija dikjarazzjoni tal-valuri u tal-preferenzi tiegħek fejn jirrigwarda l-kura u s-support li tixtieq meta ma tkunx aktar kapaċi tiddeċiedi għalik innifsek. Din l-informazzjoni tgħin lit-tim mediku u l-qraba sabiex jagħmlu għażliet li tixtieq meta inti ma tkunx tista' tiddeċidi għalik innifsek. Taħt Advance Care Planning, inti tista' tiddeċiedi li tevita kura aggressiva jew straordinarja (eż. tixtieq li ma tingħatax ikel minn tubu tal-ikel fl-aħħar tal-ħajja). F'Malta deċiżjonijiet imniżżla taħt Advance Care Plan ma jistgħux jinkludi xewqat biex tiġi it-terminata ħajtek, u għadaqstant, Advance Care Plan m'hijiex euthanasia.

## Fejn nista' nsib jew nagħmel download tal-formola ta' Advance Care Plan?

Il-Geriatric Medicine Society Malta ħolqot formola tal-Advance Care Plan għall-benefiċċju tal-persuna kollha li jgħixu f'Malta. Kull min huwa interessat jista' jagħmel download ta' Advance Care Plan bla ħlas minn fuq is-sit tal-GMS:

**gmsmalta.com**.

Għal benefiċċju ta' kulħadd teżisti verżjoni tal-formola sew bl-Ingliż u sew bil-Malti.



GERIATRIC MEDICINE SOCIETY OF MALTA
Promoting excellence in the care of older adults



# Pjan Għall-Kura Futura

## Fuljett ta' Gwida għall-Pazjenti,/Klijenti, Qraba u Nies oħra involuti

## X’inhi Advance Care Plan jew Pjan għall-Kura Futura?

Dan huwa pjan għall-kura maħsub minn qabel li jatik l-opportunita’ li tidentifika u tesprimi l-valuri, it-twemmin, u l-preferenzi tiegħek, sabiex dawn jiġu ikkunsidrati f’sitwazzjonijiet ta’ mard serju, meta int ma tkunx aktar kapaċi li tieħu deċiżjonijiet għalik innifsek. Barra dan, permezz ta’ Advance Care Plan inti tista’ tidentifika persuna li tafda, sabiex tkun ir-rappreżentant tiegħek f’deċiżjonijiet fil-futur, jekk ma tkunx aktar kapaċi li tagħmel deċiżjonijiet għalik innifsek.

## Għalfejn għandi nagħmel Advance Care Plan bil-miktub? Lil min għandi nagħti kopja?

Meta Advance Care Plan issir bil-miktub, din tgħin lil ħaddieħor ikun jaf aħjar x’tip ta’ kura medika u support tixtieq. Min jimla Advance Care Plan għandu jżomm kopja tiegħu għandu, u kopja f’idejn membru tal-familja jew persuna oħra li huwa jafda. Huwa wkoll idejali li tagħti kopja lit-tabib tiegħek u tagħmel talba sabiex kopja tal-Advance Care Plan tiegħek tinżamm ukoll fil-file mediku tiegħek ta’ l-isptar.

## X’ma jaqax taħt Advance Care Plan?

Advance Care Plan hija espressjoni tal-preferenzi tiegħek għall-kura u support meta ma tkunx aktar kapaċi tiddeċiedi għalik innifsek. Għaldaqstant, Advance Care Plan ma għandix irbit legali  u b’hekk inti ma tistax tużaha biex timponi il-preferenzi tiegħu fuq it-tobba tiegħek. Trid tiftakar li t-tabib huwa dejjem marbut li jaġixxi fl-aħjar interessi tiegħek. Fl-istess waqt, inti ma tistax tuża Advance Care Plan sabiex titlob trattament u kura, li t-tim mediku tiegħek jara li m’huwiex neċessarju, jew huwa straordinarju għall-bżonnijiet tiegħek f’dak il-mument.

Eżempju: It-tim mediku jista’ jikkunsidra li jiddiskuti mal-pazjent il-benefiċċju ta’ trapjant tal-kliewi meta dan ikun għadu jiflaħ. Iżda il-kunsiderazzjoni ta’ trapjant tal-kliewi tista tkun mhux neċessarju u tidher straordinarja jekk dak li ikun ikollu 90 sena, ikun dejjem fis-sodda u tant fraġili li ikun viċin il-mewt.

## Advance Care Plan hija l-istess bħal Advance Directive?

Id-differenza primarja bejn Advance Care Plan u advance directive (kultant magħrufa bħala living will), hija li advance directive hija dokument legali. Sal-llum, il-liġi Maltia hija siekta dwar rikonnoximent ta’ advance directives bħala espressjoni ta’ persuna għal kura fl-aħħar ta’ ħajjitha. Fl-istess waqt il-Liġi Maltija tirrikonixxi advance directives għal donazzjoniji tal-organi wara li dak li jkun imut. Din hija link sabiex tagħmel aċċess għal directive dwar donazzjonji tal-organi, jew ara il-website :
**organdonation.gov.mt**

## Meta jidħol fis-seħħ Advance Care Plan?

Dan iseħħ meta int ma tkunx aktar kapaċi dideċiedi għalik innifsek. Eżempju ta’ dan huwa meta il-marda tad-demensja tidħol fl-istat avvanzat tagħha. L-istess jista’ jiġri fl-istat avvanzat ta’ Huntington’s Disease, wara puplezija qawwija, meta l-organi vitali tal-ġisem (bħal qalb u l-pulmun) isiru batuti ħafna, kif ukoll minħabba l-effetti tal-kanċer terminali jew il-kura tiegħu (ez. minħabba dożi qawwijin ta’ morfina mogħtija għall-uġieħ.)

## Xi jifsser meta jingħad “meta ma nkunx aktar kapaċi li niddeċiedi”?

Persuna adulta hija ikkunsidrata b’mod naturali bħala kapaċi li tiddeċiedi għalija innifisha l-affarijiet tagħha ta’ kura u s-support li teħtieġ. Deċiżjoniet dwar saħħa huma idejali li jittieħdu f’konsultazzjoni mal-professjonisti li huma involuti fil-kura tiegħek. Min-naħa l-oħra, nafu li jeżistu ċerti sitwazzjoniijiet ta’ nuqqas ta’ saħħa li jistgħu iwasslu sabiex dak li ikun jitlef il-kapaċita li jiddeċiedi għalih innifsu, dawn jinkludu kundizzjonijiet mediċi bħala demenzja avvanzata. Dan jista’ jiġri ukoll meta ċerti sitwazzjonijiet mediċi jaffetwaw il-kapaċitajiet tal-individwu biex jiddeċiedi, bħala sitwazzjonijiet wara puplesija qawwija, progressive degenerative brain disorders bħal Huntington’s disease, kanċer terminali u meta l-organi vitali tal-ġisem (bħal qalb u l-pulmun) isiru batuti ħafna.

## Nista’ nirrifjuta li nimla Advance Care Plan? Nista’ nħassar jew inbiddel Advance Care Plan?

Iva, inti għandek id-dritt li tirrifjuta li timla Advance Care Plan. Rifjut li timla din il-formola m’huwiex se iwassal għall-ebda konsegwenza ħażina fil-kura li int għandek dritt għaliha. Peress li Advance Care Plan hija espressjoni ta’ dak li taħseb u l-preferenzi li tixtieq għal kura tiegħek, inti għandek id-dritt li iżżid magħha, tħassarha jew tbiddilha.

## Nista’ nistaqsi lill-membru tal-familja jew it-tabib sabiex jgħinuni nimla Advance Care Plan?

Hafna drabi huwa għaqli iżda mhux neċessarju li tinvolvi membri tal-familja jew xi ħadd viċin tiegħek sabiex jgħinek fil-mili tal-Advance Care Plan tiegħek. L-involviment ta’ membru tal-familja fid-diskussjoni jgħin lill-qraba jifhmu aħjar dak li tixtieq inti. Dan jgħodd l-aktar għal meta jasal iż-żmien li l-qraba jibdew jieħdu deċiżjonijiet għalik meta ma tkunx aktar kapaċi tiddeċiedi għalik innifsek.

It-tabib, in-nurse jew is-social worker tiegħek, peress li huma il-professjonisti li jafuk l-aħjar u jafu anke il-kondizzjoni mediko-soċjali tiegħek, jistgħu jgħinuk tifhem u timla ċerti partijiet tal-Advance Care Plan tiegħek. Huwa importanti li tiftakar, li l-Advance Care Plan tiegħek tkun aktar rispettata meta tiġi iffirmata ukoll mit-tabib tiegħek.